MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 909/2007

**Charles Schembri (I.D. 702556 M)**

**Vs**

**Connie Borg Berquist**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2007, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' elf u mitejn Liri Maltin (Lm1200) ekwivalenti ghal elfejn, seba` mija u hamsa u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2795.25) rapprezentanti valur ta' magazzinagg ta' opra tal-bahar bil-mutur fil-fond tal-attur ghal perijodu bejn Settembru 2004 sa Settembru 2007 u dana in segwitu tal-hrug ta' Mandat ta' Qbid intavolat mill-istess konvenuta odjerna. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali datata 14 ta' Settembru 2007 mahruga ai termini tal-Artikolu 166A

tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-istess ittra ufficcjali kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuta pprezentata fid-19 ta’ Frar 2008 li fiha eccepiet illi hija m’ghandha thallas ghal ebda servizz ta’ magazzinagg kif mitlub fil-kawza fl-ismijiet premessi u dana peress illi hija ma talbet ghal ebda servizz kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-ispejjez ghandom jithallsu minn terzi. Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda tal-attur **Charles Schembri** waqt is-seduta tal-14 ta’ Mejju 2008, li fiha huwa qal illi ghandu *yard* tad-dghajjes u fix-xitwa jaghmel manutenzjoni u storage ta’ dghajjes. Id-dghajsa in kwistjoni gabha certu Colin Colheart. Jghid li xi zmien wara kien mar marixxal tal-Qorti flimkien mal-konvenuta fil-*yard* tieghu u staqsih kellux dghajsa partikolari. Huwa rrisponda fl-affermattiv u l-marixxal infurmah li kien qed isir mandat ta’ qbid fuqha. Il-marixxal staqsieh jekk hu riedx ikun konsenjatarju u hu ma kellux problema dwar dan.
Dan kollu ntqal fil-presenza tal-konvenuta u persuna ohra isimha mhux maghruf. Il-konvenuta f’ebda hin ma oggezzjonat ghall-hatra tal-attur bhala konsenjatarju. Meta gie esegwit il-Mandat huwa inghata kopja (Dok CS1).

Sussegwentement huwa sar jaf illi d-dghajsa kienet propjeta` ta’ xi hadd kunjomu Williams u mhux tal-konvenuta u fil-fatt kien hemm kawza propju fuq dan il-punt. L-attur jghid ukoll illi l-konvenuta kienet tilfet din il-kawza u esebixxa decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell tat-30 ta’ Mejju 2007 (Dok CS2).

Huwa jghid illi kien sussegwentement ircieva mill-Qorti biex jirrilaxxja d-dghajsa u kien ikkonsenjaha lil sidha bil-kunjom Williams. Huwa esebixxa kopja tal-kontro-mandat (Dok CS3). L-attur jghid illi kien taha l-kont lil Williams u hi gharrfitu li ma setghetx tehodha ghax kienet taht mandat u li hi ma kinitx responsabbli ghall-kont. Huwa kien imbaghad cempel lill-konvenuta li qaltlu li ma kienitx affari taghha, ma kelliex x’taqsam maghha u li ma kienx jinteressaha. Ix-xhud esebixxa l-kont tal-kera (Dok CS4)

relattiv ghall-magazinagg tad-dghajsa in kwistjoni fl-ammont ta' Lm1200.

Ikkunsidra :

Illi b'din ix-xhieda l-attur ghalaq il-provi tieghu.

Illi l-kawza thalliet ghall-provi tal-konvenuta ghas-seduta tat-18 ta' Gunju 2008, f'liema seduta l-konvenuta ma dehritx peress illi kienet imsiefra.

Illi l-kawza thalliet ghals-seduta tas-16 ta' Settembru 2008 ghall-provi konvenuta – f'liema seduta regghet ma dehritx sabiex tressaq il-provi taghha.

Illi l-kawza thalliet ghat-tielet darba ghall-provi tal-konvenuta ghas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008, bl-intendiment car illi wara dik is-seduta, il-provi konvenuta jigu dikjarati maghluqa.

Illi fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2008, il-konvenuta regghet ma dehritx,  u in vista ta' dak verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2008 it-Tribunal iddikjara il-provi tal-konvenut maghluqa u halla l-kawza ghad-decizjoni ghal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi minkejja r-riposta, il-provi mressqa mill-attur jinsabu ghalhekk mhux kontradetti u t-Tribunal ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jakkolji l-eccezzjonijiet meta dawn ma gewx sostanzjati – anzi il-verzjoni attrici tinsab mhux kontradetta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ra l-atti kollha tal-kaz u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jiched l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn seba` mija u

hamsa u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2795.25), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------